MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 11/2001/1

**Kummissarju tal-Art**

**Vs**

**Carmelo Bonanno, Victoria Camilleri, Grazia Camilleri & Emanuela Camilleri**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur tal-Kummissarju tal-Art :

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ta' Ftehim datat 14 ta' Frar 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond Nru 18 fi Pjazza Darino, fin-Naxxar huwa ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit Godwin Drago A&CE tal-11 ta' Jannar 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz tal-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjararw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u sittin elf Lira Maltija (Lm65,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan huwa esproprju ta' fond fi Pjazza Darino, in-Naxxar. L-intimati irrifjutaw l-kumpens offert a bazi tal-parir tekniku lilhom moghti mill-perit arkitett taghhom li xehed f'dawn il-proceduri u qal li l-valur tal-art esproprijata huwa ta' Lm65,000. Dan il-fond kien jikkonsisti minn ghorfa residenzjali b'hamest ikmamar fuq sular wiehed u kamrin zghir u kien jinsab f'zona ta' bini.

Illi l-membri teknici tal-Bord wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala

rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta’ in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta’ fabbrikabbli li l-valur tal-istess proprjeta’ kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont **ta’ Lm50,000 ossia Euro 116,468.67.**

Il-Bord jaghmel tieghu din il-konkluzzjoni u ghalhekk jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati sabiex jitrasferixxu lir-rikorrenti bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut, il-fond Nru 18 fi Pjazza Darino, fin-Naxxar u dan bil-kumpens ta’ mija u sittax-il elf, erba mija tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmu oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 t’Awissu 2011 fl-10:00am fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D.
biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------